MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 55/2006

Robert Riolo (Id. 391966M)

Vs

Peter Paul Cachia et (Id. 416575M) u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2006 gew kjamati in kawza s-sidien u l-operaturi tal-bar 'O' Kelly, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi fil-21 ta' Ottubru, 2005, il-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu fix-Xatt Ta' Xbiex, Ta' Xbiex, laqat strixxa mwahhla matul it-triq u qala l-arblu li mieghu kienet marbuta l-istrixxa, b'konsegwenza li l-arblu ghamel hsara lil-vettura tal-attur bin-numru ta' registrazzjoni AAM 885. Illi x-xoghol u materjal sabiex isir it-tiswija fuq il-vettura tal-attur tammonta ghal mija u disghin lira Maltin (Lm190). Illi l-konvenut minkejja interpellat, inkluz b'ittra ufficjali datata

4 ta’ Novembru 2005, baqa inadempjenti. Ghalhekk il-konvenut qed jigi mitlub ihallas il-Lm190, u l-ispejjes tal-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenut Peter Paul Cachia li eccepixxa illi (i) huwa m’huwiex responsabbli ghall-hsara allegata mill-attur; (ii) illi minghajr pregudizzju ghal dan tali hsara sehhet minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sidien u operaturi tal-Bar ‘O’ Kelly ghal liema jidher Alistor Carragher; (iii) illi ghalhekk ghandhom jissejhu fil-kawza s-sidien u l-operaturi tal-Bar ‘O’ Kelly sabiex huma jirrispondu ghat-talba tal-attur; (iv) illi t-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda peress illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt (v) salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda tal-PC 1369 Joseph Camilleri prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Marisa Pisani prodotta mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Michael Camilleri prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Romina Borg prodotta mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda tal-attur.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ mija u disghin lira Maltin (Lm190), u cioe l-hsara li huwa sofra fil-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni AAM 885, meta waqt li din kienet ipparkjata kif suppost, intlaqtet minn arblu u garbet hsara fil-bieba ta’ wara taghha.

Illi skond ma jidher mir-rapport esebit mill-Pulizija, waqt li l-attur kellu l-karozza tieghu pparkjata barra hanut fix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex, kien ghadda *skip loader* misjuq mill-konvenut, u dan l-istess *skip loader* kien qabad *banner* li kien imwahhal minn naha ghall-ohra tat-triq. Minhabba f’hekk huwa gibed il-*banner* u kaxkru mieghu u b’konsegwenza ta’ dan gibed ukoll il-lasta li maghha kien imwahhal il-*banner*. Din l-istess lasta, inqalghet u laqtet il-vettura tal-attur u kkawzat id-danni fuq imsemmija fuq l-istess vettura.

Din il-versjoni tal-fatti hija dik li nghata *a tempo vergine* mill-konvenut stess lill-Pulizija ezatt wara li sar l-incident. Peress illi l-konvenut ma kienx xehed waqt dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal, dan ta’ l-ahhar ser ikollu jistrieh fuq din il-versjoni moghtija mill-konvenut.

Minn-naha tieghu, l-attur alavolja ma kienx ra l-incident isehh, ikkonferma illi kien ipparkja l-vettura tieghu fit-triq sakemm mar jixtri xi haga, u fil-pront sema’ hoss kbir. Ghalhekk hareg u ra illi l-vettura tieghu kienet giet milquta minn lasta li kienet qed izzomm *banner* li kien ghaddej minn fuq it-triq. Huwa seta’ jara li din l-istess *banner* kienet ghadha mwahhla mal-*iskip loader*. In sostenn tat-talba tieghu, l-attur esebixxa rcevuta tax-xoghol kollu li sar fuq il-vettura tieghu u cioe rcevuta ghal *parts* u *labour* sabiex inbidlet il-bieba ta’ wara u sabiex sarilha l-ispray, liema xoghol b’kollox kien jammonta ghal Lm190.

It-Tribunal josserva illi alavolja l-konvenut talab li jigu kjamati in kawza s-sidien u l-operaturi tal-bar ‘O’ Kelly fix-Xatt ta’ Ta’ Xbiex, minkejja diversi differimenti li nghatawlu sabiex proprju jaghmel hekk, huwa baqa ma hax hsieb li jinnotifika l-istess kjamati in kawza. Fil-fatt il-konvenut wera nuqqas serju ta’ interess fil-kawza odjerna u ma pproduca l-ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu moghtija.

It-Tribunal josserva wkoll illi hareg car mill-provi li s-sidien u l-operaturi tal-bar ‘O’ Kelly, kellhom l-permessi mehtiega mill-awtoritajiet sabiex ikunu jistghu jwahhlu l-*banner* kif fil-fatt ghamlu.

Minn-naha l-ohra, huwa evidenti li l-konvenut, waqt li kien qieghed isuq il-*skip loader*, ma hax hsieb jikkalkula jekk setghax jghaddi minn tahtu jew le, meta tali *banner* kienet '*in plain view'* quddiemu Minnflok baqa ghaddej qisu xejn m'hu xejn u gara dak li gara. Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jidhirlu li t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha fl-intier taghha fil-konfront tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba mija u tnejn u erbghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€442.58), ekwivalenti ghal Lm190 kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------